MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 1132/1994/2

Citazzjoni Nru.  1132 / 94NC

Kawza fil-lista:  24

**Lino Debono**
**Vs**
**Sammy Meilaq bhala Chairman ghan-nom u in rapprezentanza tal-Malta Drydocks, u b' digriet tal-11 ta' April 2000 il-gudizzju gie trasfuz f' isem il-Malta Drydocks, u b' digriet tal-20 ta' Ottubru 2004 il-gudizzju gie trasfuz f' isem Saviour Gauci nominat mill-Gvern biex jirrapprezenta lil Malta Drydocks**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Billi l-attur kien gie elett membru tal-kunsill tal-Korporazzjoni konvenuta fl-elezzjoni li saret fl-1993 ghall-perijodu ta’ sentejn;

U billi tressqet risoluzzjoni quddiem il-Kunsill tal-istess korporazzjoni konvenuta kopja tal-liema qeghda tigi hawn annessa u esibita bhala Dokument A;

U billi qabel ma l-istess risoluzzjoni giet diskussa fil-kunsill kienet giet emendata fis-sens li r-riferenza ghall-artikolu 5(8) giet sostitwita b’riferenza ghall-artikolu 5(9) tal-Att dwar it-Tarzna ta’ Malta u billi fit-tielet paragrafu gie sostitwit bil-kliem li jidher riportat ma l-istess risoluzzjoni;

U billi l-istess risoluzzjoni fit-3 ta’ Awissu, 1994 ttiehdet minghajr ma giet regolarment proposta u sekondata kif jirrikjedu r-regoli ta’ procedura tal-istess kunsill;

U billi l-fatti allegati fl-istess risoluzzjoni ma jammontawx ghall-“interess finanzjarju jew interess iehor f’xi kuntratt, impriza jew attivita li … x’aktarx ma jhallihx jaqdi sewwa l-funzjonijiet tieghu bhala membru tal-Kunsill” kif trid il-ligi u ghalhekk l-istess risoluzzjoni kif mehuda kienet ultra vires il-poteri tal-istess kunsill, irritwali, nulla u inattendibili;

U billi fil-fatt ma hux minnhu li l-attur ghandu xi interess finanzjarju jew interess iehor f’xi kuntratt, impriza jew attivita li x’aktarx ma jhallihx jaqdi sew il-funzjonijiet tieghu bhala membru tal-Kunsill u r-risoluzzjoni tal-Kunsill ma hix hlief tentattiv biex tostakola lill-attur fid-difiza tad-drittijiet legittimi tieghu u fil-qadi korett tad-dmirijiet tieghu bhala membru tal-istess kunsill;

U billi l-vera raguni tar-rimozzjoni tal-istess attur minn membru tal-kunsill kienet konsegwenza tal-qadi korrett tad-dmirijiet tieghu u tal-investigazzjonijiet li kien qieghed imexxi bhala membru  tal-istess kunsill;

Jghid ghalhekk l-istess konvenut nomine ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex:

1. tiddikjara nulla u ineffettiva t-tnehhija minn membru tal-kunsill tal-attur tal-korporazzjoni konvenuta u dan billi proceduralment irritwali kif ukoll ultra vires l-poteri tal-istess kunsill fuq imsemmi u ghax mhux konformi mal-ligi;

Bl-ispejjez b'riserva ta' kull azzjoni spettanti lill-attur ghad-danni, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha il-konvenut eccepixxa:

1. Illi n-kwantu gie mharrek in rapprezentanza tal-Malta Drydocks, l-eccipjent nomine mhuwiex legittimu kontradittur f'din il-kawza.

2. Illi fil-meritu u bla pregudizzju ghas-sueccepit, il-membru tal-Kunsill agixxew fit-termini tal-ligi u l-poteri moghtija lilhom. Konsegwentement it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Mejju 1997 li permezz taghha giet respinta l-ewwel eccezzjoni;[1]

Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet ix-xhieda bil-gurament, u t-trattazzjoni tal-partijiet;
Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-kaz odjern jimpernja dwar rizoluzzjoni[2] mehuda fit-3 ta' Awissu 1994 mill-Kunsill tal-Malta Drydocks fil-konfront tal-attur, li permezz taghha gie deciz li l-attur "ghandu jieqaf milli jzomm il-kariga ta' membru tal-Kunsill tat-Tarzna ta' Malta."

[1] Fol.53 *et seq.*
[2] Fol.7 - 8

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li l-imsemmija rizoluzzjoni hija nulla, kemm ghaliex skond hu hija rritwali ghax ma gietx segwita l-procedura, kif ukoll ghaliex hija ultra vires il-poteri moghtija lill-Kunsill mill-ligi kostituttiva.

Il-konvenut minn naha tieghu permezz tat-tieni eccezzjoni qed jopponi ghal din il-pretensjoni billi jsostni li “il-membri tal-Kunsill agixxew fit-termini tal-ligi u l-poteri moghtija lilhom.”[3] Isostnii li l-Kunsill mexa “strettament”[4] ma dak provdut fl-Artikoli 5[9], u 6[5] u [11] tal-Kap.207.

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. L-attur, impjegat mal-korporazzjoni konvenuta bhala security guard, kien gie elett fis-sena 1993 bhala membru tal-Kunsill ghal perijodu ta’ sentejn.

Illi matul dan il-perijodu kien sar fuq rapport mill-General Manager u tad-Deputy Manager tal-korporazzjoni konvenuta, lill-Kunsill fejn gie allegat li l-attur kien qed jithallas waqt li kien ma kienx ghax-xoghol u l-punch card tieghu kienet giet ippancjata minn haddiehor. Konformament il-Kunsill beda jinvestiga l-kaz u baghat ghal diversi ufficjali tal-korporazzjoni sabiex jisma’ l-versjoni taghhom. Eventwalment il-Kunsill iddecieda li din l-allegazzjoni kienet sostnuta fil-konfront ta’ l-attur fis-sens li rrizulta li kien hemm okkazzjoni meta l-attur kien thallas nonostante li ma kienx dahal ghax-xoghol.

Illi kemm meta tressqet il-mozzjoni ghad-diskussjoni, kif ukoll meta kienet qeda tigi diskussa r-rizoluzzjoni, l-attur bhal kull membru iehor kien inghata kopja taghha qabel il-laqgha tat-3 ta’ Awissu 1994, u kien prezenti ghad-diskussjoni; izda ma kienx prezenti ghall-votazzjoni; ghax f’ dak l-istadju huwa hareg il barra. L-attur kien ilmenta mal-Kunsill li ma kienitx giet segwita l-procedura solita ta’ proponiment u sekondament tal-mozzjoni. Inoltre, huwa cahad l-allegazzjoni li kienet qed issir fil-konfront tieghu, u sostna li l-azzjoni kienet mehuda kontra tieghu b’

---

[3] Fol.18
[4] Fol.19

ritaljazzjoni ghal insistenza tieghu ghal "izjed serjeta' fis-sistema tat-tmexxija tal-finanzi tat-Tarzna."[5]

Illi l-Kunsill iddecieda b' vot maggjoritarju u sigriet, u hareg ir-rizoluzzjoni meritu tal-kawza odjerna, kontestata mill-attur. Din ir-rizoluzzjoni fil-premessi taghha tghid, inter alia, "wara li minn investigazzjonijiet ulterjuri [ghal-imsemmi rapport] irrizultaw irregolaritajiet sistematici dwar it-time keeping bi ksur tar-regoli tad-dixxiplina fosthom fejn Lino Debono irregistra ruhu irregolarment li kien xoghol u ottjena hlas meta ma kienx fuq il-post tax-xoghol;" tikkonkludi hekk: "tirrizolvi u tiddecidi ghall-finijiet u konformita' ma' l-artikolu 5[9] tal-Att dwar it-Tarzna ta' Malta, illi rrizultaw li Lino Debono ghandu interessi fl-attivitajiet irregolari hawn fuq imsemmija b' rizultat li ma jistax aktar jaqdi sewwa l-funzjonijiet tieghu bhala membru tal-Kunsill u ghalhekk ghandu jieqaf milli jzomm il-kariga ta' membru tal-Kunsill tat-Tarzna ta' Malta."[6]
Illi Sammy Mejlaq, l-allura Chairman tal-Kunsill, ikkonferma li l-bazi ta' din il-konkluzjoni da parti tal-Kunsill kien il-fatt li l-istess Kunsill kien sab fondat il-kontenut tar-rapport li l-attur kien assenti minn fuq ix-xoghol meta l-punch card kienet ippancjata u li l-attur kien thallas nonostante li ma kienx irrapporta ghax-xoghol; u fid-deposizzjoni tieghu tat-28 ta' Mejju 2003 ikkonferma li fil-fatt il-Kunsill kien irrizultalu li din l-allegazzjoni kienet giet provata biss f' okkazzjoni wahda u li kienet din l-okkazzjoni wahda li wasslet ghar-rimozzjoni ta' l-attur mill-kariga tieghu ta' membru tal-Kunsill.[7] Fl-istess dispozizzjoni ix-xhud jghid ukoll u kategorikament: "le le, mhux li qed jikkompeti mat-Tarzna f' xi negozju jew hekk. Mhux il-kaz, no. Zgur li m' huwiex il-kaz. Qatt ma ssemmiet dina illi Lino Debono kellu xi interess finanzjarju kontra t-Tarzna: li qed jikkompeti mat-Tarzna jew hekk."[8]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi mill-provi rrizulta ampjament li r-raguni tat-tnehhija ta' l-attur minn membru tal-Kunsill kien il-fatt li mill-

[5] Affidavit – fol.72
[6] Supra – sottolinear tal-Qorti
[7] Fols.158 - 160
[8] Ibid.

investigazzjonijiet maghmula mill-Kunsill dan il-korp sab li kien hemm okkazzjoni wahda li l-attur ghalkemm ma kienx qieghed ghax-xoghol xorta wahda kien qed jithallas ghax il-punch card tieghu kienet ippuncjata. In bazi ghal dan, il-Kunsill ghadda l-rizoluzzjoni de quo fejn, "in konformita' mal-artikolu 5[9]" tal-Kap.207 "irrizultaw li Lino Debono ghandu interessi fl-attivitajiet irregolari" u li minhabba f' hekk il-Kunsill iddecieda li ma setax jaqdi aktar il-funzjonijiet tieghu bhala membru tal-Kunsill.

Ferm il-premess il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina l-pretensjoni attrici fid-dawl tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut; tenut kont tas-sottomissjonijiet maghmula mid-difensur tal-partijiet fit-trattazzjoni orali taghhom. Huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

[1] Illi ghalkemm huwa minnu li mhux permess mill-ligi li l-Qorti tissindika d-decizjoni ta' korp kostitwit b' ligi ad hoc b' mod li tissostitwixxi d-diskrezzjoni mghotija lil dan il-korp bil-fehma taghha, pero' daqstant huwa rikonoxxut legalment li din il-Qorti ghandha l-poter dover li tissindika l-operat ta' dan il-korp jew tribunal bil-ghan li jigi accertat li dan ikun mexa skond il-ligi li kkreatu u wkoll li fl-operat tieghu gew osservati l-principji tal-gustizzja naturali, u senjatament dak li jesigi li min jinsab akkuzat b' xi nuqqas "jinghata avviz ta' dak li jkun qed jigi akkuzat bih u li jinghata l-opportunita' ta' smigh xieraq" .[9]

Applikat ghal kaz in disamina, dan ifisser li l-Kunsill [1] kellu l-obbligu li josserva l-ligi, u senjatament l-istess ligi kostituttiva; u [2] ukoll l-obbligu li jassigura li l-procedura addottata minnu kienet konformi mal-principji tal-gustizzja naturali. Dawn il-konsiderazzjonijiet jifformaw il-bazi tad-domanda attrici diretta ghal dikjarazzjoni gudizzjarja ta' nullita' tar-rizoluzzjoni de quo – kemm ghax hi rritwali, kif ukoll ultra vires il-poteri tal-Kunsill.

[9] Vide sentenza fuq citata

Illi l-Artikolu 5[9] tal-Kap.207 li fuqhu hija bazata d-decizjoni tal-Kunsill, fit-tieni parti[10] tieghu, jaqra hekk: "membru tal-Kunsill ukoll jieqaf milli jzomm il-kariga jekk ikollu dak l-interess finanzjarju jew interess iehor f' xi kuntratt, impieg jew attivita' li, fil-fehma tal-Kunsill imfissra b' decizjoni li tittiehed b' vot sigriet x' aktarx ma jhallihx jaqdi sewwa l-funzjonijiet tieghu bhala membru tal-Kunsill." Minn dan jirrizulta car li l-ligi trid li sabiex membru jitnehha mill-kariga, in bazi ghal din il-parti tal-ligi, jridu jikkonkorru zewg elementi [1] l-interess f' attivita' u [2] li, fil-fehma tal-Kunsill, tkun tali li timpedih milli jaqdi l-funzjonijiet tieghu bahla membru.

Illi, ghalhekk it-tnehhija ta' membru da parti tal-Kunsill ghandha bhala presuppost essenzjali l-ezistenza ta' interess f' attivita' indikata fil-ligi, b' mod li, <u>fl-assenza ta' tali</u>, l-Kunsill ma jistax jiddecidi li favur it-tnehhija minghajr ma jkun qed jivvjola d-dettami tal-ligi kostituttiva. Dwar dan il-Kunsill ma ghandux diskrezzjoni, ghax il-ligi stess timponih, u l-Kunsill bhala korp kostitwit b' ligi ghandu l-obbligu li josserva l-ligi u jimxi skurpolozament fil-parametri ta' dik l-istess ligi. Jigi pprecisat li l-Kunsill ghandu diskrezzjoni li jiddecidi jekk dan l-element fil-kaz partikolari jikkonfigurax jew le, izda, jekk bhal fil-kaz prezenti jirrizulta ampjament u manifestament, <u>anke mid-decizjoni ta' l-istess Kunsill</u>, li dan l-element huwa mankanti, allura l-Kunsill ma jistax jghaddi ghat-tnehhija, u d-deliberazzjoni tieghu dwar it-tieni rekwizit tkun inutili. Ghax id-diskrezzjoni tal-Kunsill ma testendix b' mod li taghti sinifikat differenti lill-kliem tal-ligi mehud fis-sens ordinarju tieghu u tenut kont tar-*ratio legis* taghha. Fi kliem iehor, mhux lecitu ghall-Kunsill li jaghti lil kwalunkwe azzjoni li jidhrilu l-kwalifika ta' "interess f' attivita'" meta dik l-azzjoni manifestament ma tkunx tikwalifikax bhala tali. Altrimenti l-iskop tal-ligi jigi stultifikat u l-operat tieghu ikun ultra vires u konsegwentement null.

Stabbilita l-ezistenza ta' dan l-ingredjent, hija fid-diskrezzjoni tal-Kunsill id-decizjoni jekk din l-attivita' hijex

[10] L-ewwel parti ta' dan is-sub inciz, li titratta dwar tkeccija ta' membru tal-kunsill fuq talba bil-miktub da parti ta' mhux anqas minn zewg terzi tal-impjegati lill-Ministru responsabbli ghat-Tarzna, hija rrelevanti ghall dan il-kaz.

tali li timpedixxi lil membru koncernat li dan jaqdi sewwa id-dmirijetu bhala membru. Din id-decizjoni ut sic hija nsindikabbli mill-Qorti ghax il-ligi riedet li din il-materja tigi deciza mill-Kunsill u mhux mill-Qorti.

Illi fil-kaz in disamina l-Qorti tosserva li l-ewwel ingredjent ghat-tnehhija ta' membru jinsab mankanti. Ghandu jirrizulta car li r-raguni li fuqha l-Kunsill ibbaza t-tnehhija ta' l-attur ma tikwalifikax bhala "interess finanzjarju jew interess iehor f' xi kuntratt, impieg jew attivita'" kif trid, anzi tesigi, il-ligi. L-irregolarita' sostnuta mill-Kunsill, ghalkemm certament taghti lok ghal proceduri dixxiplinari, ma tistax tigi meqjusa bhala "interess f' attivita" fit-termini tal-ligi.

L-attur validament isostni li din l-attivita' kontemplata fil-ligi ghandha tkun ta' natura ekonomika; u f' dan, l-attur jisib konfort f' dak li l-osservat obiter l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza preliminari fl-osservazzjonijiet taghha dwar l-operat kollettiv tal-membri singoli tal-Kunsill. Il-Qorti qalet hekk: "Hu vot li jinvolvi deliberazzjoni tal-Kunsill bhala korp dwar l-attivita' ekonomika ta' xi wiehed mill-membri …….. l-istess Kunsill mistenni bil-ligi jiddecidi jekk l-attivita' ekonomika tal-membru that investigazzjoni kienitx tali li x' aktarx ma jhallihx jaqdi dawk il-funzjonijiet tieghu bhala membru tal-Kunisll."[11]

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li l-irregolarita' li fuqha hija bazata d-decizjoni tal-Kunsill, anke jekk dato ma non concesso sehhet aktar minn darba, ma tikkwalifikax bhala "interess f' attivita'" imma huwa kaz ta' azzjoni jew komportament li jaghti lok ghal proceduri dixxiplinari izda mhux li jattivax l-applikazzjoni tal-Artikolu 5[9] citat fl-istess rizoluzzjoni. Ghaldaqstant ma jistax validament jinghad, kif eccepit mill-konvenut f' dan ir-rigward, li l-Kunsill mexa "strettament" fuq dak li jipprovdi l-artikolu 5[9] u t-tesi attrici f' dan ir-rigward hija gustifikata, u r-rizoluzzjoni de quo hija nulla stante li hija in vjolazzjoni tal-ligi kostituttiva tal-Kunsill u ghalhekk ultra vires.

---

[11] Decizjoni 9 ta' Mejju 1997 [pg.6] – fol.55 tergo. Sottolinear tal-Qorti.

[2] Illi rigward il-kawzali l-ohra, li hi fis-sens li "r-rizoluzzjoni ttiehdet minghajr ma giet regolarment proposta u sekondata kif jirrikjedu r-regoli ta' procedura ta' l-istess Kunsill", il-Qorti tosserva li l-eccezzjoni tal-konvenut relattiva ghal din il-kawsali hija fondata; ghax filwaqt li l-attur jilmenta ghax ma gietx segwita l-procedura fejn mozzjoni tigi proposta u sekondata, inkluza l-emenda, il-konvenut gustament jirriferi ghas-sub incizi 5 u 6 tal-Artikolu 6 tal-Kap.207. Is-sub inciz 5 jghati lic-chairman il-poter li meta jidhirlu dan jista' f' kull zmien isejjah laqgha tal-Kunsill, filwaqt li s-sub inciz 6 espressament jghati s-setgha lill-Kunsill li jirregola l-procedura tieghu stess. Dan hu validu, sakemm jigu osservati l-principji tal-gustizzja naturali kif fuq spjegat.

Fil-kaz in disamina rrizulta li qabel ma kienet ser tigi diskussa ir-rizoluzzjoni de quo l-attur kien inghata kopja taghha; inoltre, kien biss meta kien ser jittiehed il-vot li huwa hareg il-barra. Dan gie konfermat mill-istess attur fid-depozizzjoni tieghu tat-30 ta' Ottubru 2001.[12] Ghalhekk l-attur kien jaf bl-akkuza kontra tieghu li kienet ser tigi diskussa fil-laqgha, u kellu wkoll l-opportunita' li jsemma lehnu stante li kien prezenti waqt li kienet qeda tigi diskussa. B'hekk ma sar ebda ksur tal-ligi, la dik kostituttiva u lanqas dik bazata fuq il-gustizzja naturali. Ghalhekk l-azzjoni attrici in kwantu bazata fuq l-allegazzjoni ta' irritwalita' tal-procedura tfalli, u l-eccezzjoni tal-konvenut relattiva ghal din il-kawsali hija fondata.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici billi tiddikjara nulla u ineffettiva t-tnehhija ta' l-attur minn membru tal-Kunsill tal-korporazzjoni konvenuta, u dan peress li d-decizjoni kif kontenuta u espressa fir-rizoluzzjoni imsemmija, hija ultra vires il-poteri tal-istess Kunsill u mhux konformi mal-ligi.

[12] Fols.86, 89-92

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal tlett kwarti [3/4] mill-konvenut, u r-rimanenti kwart [1/4] jibqa' a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------